**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A22-08

25 ta' Settembru 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/22**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tnejn **29 ta' Settembru 2008, fis-2.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Mozzjoni
6. Approvazzjoni u ħruġ tat-*tender* tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira
7. Diskussjoni u approvazzjoni ta' emendi fil-kuntratt tal-*Collection & Separation at source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips*
8. *Update Activities Centre* – Ħruġ ta' *Tender* tal-*Lift*
9. Attivitajiet ma' l-Iskola Primarja Dun Anton Manche'
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

30 t' Ottubru 2008

Ref Nru.Klg5/022

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/22 li saret it-Tnejn 29 ta' Settembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-2.00 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Assenti:**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 ta' Settembru 2008.

Iċ-*Chairman* qal, li l-laqgħa kienet qed issir fis-2.00 p.m. stante l-fatt, li fil-laqgħa tad-29 ta' Lulju 2008, ma kienx intlaħaq ftehim bejn il-Kunsillieri, dwar il-ħin tal-laqgħat u għalhekk, sakemm eventwalment jintlaħaq dan il-ftehim, kienet ser tibqa' viġenti d-deċiżjoni li kien ħa hu bħala Sindku, illi tibda ssir laqgħa fl-4.00 p.m. u ta' wara ssir fis-2.00 p.m. b'mod alternanti. Huwa kompla jgħid, li b'dispjaċir kien qed jinnota li l-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista, kienu għażlu li ma jattendux għal din il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard f'isem il-Kunsill Lokali xtaq jesprimi l-ferħ lejn is-Segretarju Eżekuttiv li kienet saret Omm u l-fatt li kienet preżenti għall-laqgħa tal-Kunsill kien juri d-dedikazzjoni tagħha fil-ħidma tal-Kunsill u lejn ir-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv rringrazzjat u qalet li matul il-*Maternity Leave* kienet ser tieħu ħsieb l-*e-mails* tal-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li kienet ser terġa' tidħol lura għax-xogħol f'nofs Diċembru 2008 iżda, kienet ser tibda taħdem bir-*reduced hours* minħabba l-fatt, li kellha ammont sostanzjali ta' *time off in lieu.*

Il-Viċi-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja kemm lill-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg kif ukoll, lid-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco għax-xogħol li kienu qed iwettqu b'mod speċjali lil din ta' l-aħħar li bħalissa kienet għaddejja minn żmien diffiċli.

Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu, aktar 'l quddiem għandha ssir laqgħa ma' l-i*staff* tal-Kunsill sabiex tinħoloq struttura.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li din kienet importanti sabiex il-Kunsill ikun aktar kostruttiv, flessibbli u b'hekk ikun aktar produttiv.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 27 t' Awwissu 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Paġna Nru.2 – para 2.1. iċ-*Chairman* qal, li wara l-kliem 'minħabba l-fatt' tinbidel il-frażi 'li kienu għaddew għoxrin ġurnata' u ssir ' li fl-opinjoni tiegħu ma kienx hemm *claim* għall-VAT'.

Paġna Nru.2 – para 2.2.il-Viċi-Sindku qal, li wara l-kliem 'b'xi persuni' tinbidel il-frażi 'li jgħallmu l-*crafts*' u ssir ' li jistgħu jagħmlu xi forma t'attivita' li tkun utili għar-residenti'.

Paġna Nru. 4 – para 3.7 il-Kunsillier Anthony Abela qal, li wara l-kelma 'bollard' jridu jiżdiedu l-kliem ' u *handrail*'.

Dawn l-emenda ġew issekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira, l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 3 para 2.4. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender* for the *Upgrading Works at Council of Europe Gardens* Gżira

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, l-Kunsill qabel unanimament li fil-laqgħa li għandha ssir fit-2 t'Ottubru 2008, nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex fl-aqsar żmien possibbli jiffinalizza s-Sejħa għall-Offerti kif emendata, sabiex din tkun tista' tiġi ppubblikata biex b'hekk fil-bidu tas-sena 2009, il-Kunsill ikun jista' jibda dan il-proġett.

### 2.2. Paġna Nru. 4 para 3.7

Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol ta' *wall treatment* fl-*embellishment* tal-*Housing Estate*, kien sar bil-prezz ta' €940.00 VAT inkluża u li 2 t'Ottubru 2008, fl-10.00 a.m. għandha ssir laqgħa li għaliha kellhom jattendu l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, l-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja kif ukoll, il-kuntrattur Joe Desira flimkien mal-Perit tiegħu biex jiġi ffinalizzat dan il-proġett.

### 2.3. Paġna Nru.4 – para 3.6. – *Boundary Walls Savoy Gardens*

Il-Kunsillier Joe Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi u qal li kien hemm sentenza fejn Kunsill Lokali kien rebaħ il-każ ta' *boundary wall* u fil-laqgħa li l-istess Kunsill kellu ma' Dott Chris Said kien infurmah li kien ser jibqa jiġbor il-flus.

Iċ-*Chairman* qal, li kien ser jaqra s-sentenza u wara din il-materja terġa' tiġi diskussa. Huwa kompla jgħid, li kien kellem ukoll lill-Avukat tal-Kunsill, Dott. Edward Woods.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 ta' Settembru 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret għal *Reserved Parking* lill-ADT mis-Sur Michael Borg li joqgħod 132 Triq Sir William Reid Gżira.

**3.4.** Rigward talba mill-*United Gżira Football Club* għal għajnuna finanzjarja mill-Kunsill għall-ammont ta' €480, għall-spejjeż ta' dawl u *sound* għal żewġ attivitajiet, il-Kunsill għandu jivverifika jekk dan il-*Club* kienx ingħata xi għotja matul din is-sena finanzjarja u jekk fin-negattiv, jingħata l-ammont ta' €350.00.

Din il-mozzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**3.5.** Inqrat ittra mibgħuta minn *D'Aniens Development Ltd* datata 22 ta' Settembru 2008, dwar il-kuntratt finali ta' kiri ta' l-*Activities Centre*.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li din il-materja tiġi trattata fl-aħħar t'Ottubru 2008.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jinbidlu t-tlett kaptelli mill-*Cleansing Services Department* li hemm fuq il-bankina fi Triq ix-Xatt man-naħa tal-Ġnien faċċata ta' Ripard għall-prezz ta' €141.60 VAT inkluża.

Il-Kunsill qabel ukoll, li għandna nitolbu laqgħa mad-Dipartiment hawn fuq imsemmi sabiex issir *site-inspection* fuq il-*culverts* fi Triq ix-Xatt mill-*Waterfront Hotel* sa l-*A1 Bar*.

**3.7.** Inqrat *Memo* 26/2008 – *Policy* dwar pubblikazzjoni ta' *Tenders* fil-Gazzetti, liema skema kienet ser tidħol b'effett mill-15 t'Ottubru 2008.

**3.8.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Chetcuti Ganado dwar talba sabiex isiru żewġ *parking bays* sofor u tiġi nstallata *Keep Clear* quddiem 109 Triq Reid mill-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandu jinżebagħ *line* isfar quddiem il-garaxx kif hu speċifikat fil-Liġi. Fir-rispett ta' nstallar ta' *Keep Clear sign* u aktar *bays* biex jinżebgħu sofor, is-Sur Chetcuti Ganado għandu jiġi nfurmat li din it-talba għandha ssir lill-A.D.T. bħala l-Awtorita' kompetenti.

**3.9.** Iċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri qablu li jintbagħtu l-*contact details* tagħhom lid-Diipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tinbena *Website* ġenerali b'*links* ma' kull Kunsill Lokali.

**3.10.** Ġiet moqrija *e-mail* mibgħuta minn Marisa Darmanin – U.I.F. dwar kjarifika fil-B.O.Q. sottomessa mill-Perit tal-Kunsill liema talba ġiet kjarifikata mill-Perit stess.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li fil-laqgħa li għandha ssir mal-Perit Joe Bugeja fit-2 t'Ottubru 2008, għandhom jiġu kkjarifikati l-pendenzi kollha nkluż il-problema li nħolqot ta' diskrepanza bejn il-kuntratti ffirmati mal-M.E.P.A. u d-*draft B.O.Q. version* li l-Perit kien bagħat lill-Kunsill bħala parti mit-*tender document*. Ġie deċiż ukoll, li din il-laqgħa għandha tiffinalizza l-proċess ta' tħejjija tat-*tender document* sabiex il-Kunsill ikun jista' jippubblikah, bil-għan li sal-bidu tas-sena 2009, ikun intrebaħ il-kuntratt u jinbeda x-xogħol.

**3.11.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva l-aħħar avviż dwar il-kuntratt tad-dawl mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Wara diskussjoni qasira, fejn fost affarijiet oħra ġie diskuss li minkejja l-fatt, li kienu biss okkażjonijiet partikulari fejn it-*treshold* tal-kwotazzjonijiet ġie maqbuż għaliex fil-maġġoranza tad-drabi kien rispettat, ġie deċiż b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, li tinħareġ Sejħa għall-Offerti dwar dan is-servizz, anke jekk din il-miżura ser tiswa żieda t'aktar spejjeż fuq in-nefqa tal-Kunsill meta hu stat ta' fatt, li l-allokazzjoni tal-Gvern ma tirriflettix l-esiġenzi ta' din il-lokalita' liema materja ġiet diskussa ma' l-Onor. Chris Said waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni.

**3.12.** Rigward *e-mail* mibgħuta mill-Perit Charmaine Cutajar għan-nom tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, dwar *re-instatement* tat-Toroq Reid u Manoel de Vilhena (minn Triq D'Argens sa Triq Nazju Ellul) u Triq Nazju Ellul minn Misraħ Turu Colombo sa Triq Sliema ġie deċiż, li l-Kunsill ma kienx ser jagħmel *full width re-instatement* ta' dawn it-toroq u għalhekk, l-Korporazzjoni hawn fuq msemmija, għandha tagħmel ir-*re-instatement* fuq it-trinka skond it-*trench permit regulations*.

**3.13.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 769 sa Nru. 804 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għall-kjarifiki li talab il-Kunsillier Ian Micallef dwar *Request Sheets* No: 782 u 794, hi kienet wieġbet, li hu kien infurmat kemm verbalment kif ukoll, bil-kitba u li kopja ta' l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli l-Kunsill għall-attenzjoni tal-Kunsillieri kollha nkluż tiegħu.

**4.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li *Request Sheet* Nru: 777 – Em. Mifsud *Bulky Service* Awwissu 2008, il-*calls* kienu 138 u mhux 131 u għalhekk, l-ammont huwa ta' €755.41 u mhux €717.10.

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 769 sa Nru. 804 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, *request sheet* Nru: 777 kif emendata.

**5. Mozzjoni - re konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' elettriku**

**5.1.** Minħabba l-fatt, li la l-Kunsillier Ian Micallef bħala proponent tal-mozzjoni hawn fuq imsemmija u lanqas il-Kunsillier Malcolm Camilleri bħala sekkondant ma kienux preżenti, ġie deċiż li din tiġi diskussa waqt laqgħa li jattendu dawn iż-żewġ Kunsillieri.

**6. Approvazzjoni u ħruġ tat-*Tender* tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira**

**6.1.** Din il-materja ġiet diskussa aktar 'l fuq waqt il-korrispondenza fejn ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit Joe Bugeja u sussegwentament, tinħareg it-*Tender*.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' emendi fil-Kuntratt tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips.***

**7.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur tat-*tender* hawn fuq imsemmija, s-Sur Emanuel Mifsud, kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kunsill fejn talab żieda fil-prezz ta' 10% minħabba l-fatt, li d-*diesel* kien għola u l-prezz tat-*tender* kien ta' erba' snin ilu. Is-Sur Mifsud qal ukoll, li l-Kunsill kien qed iħallas €13.98 għal kull *skip* filwaqt li hu kien qed iħallas €23.29. Għalhekk, hu kien qed jipproponi, li jew jitneħħew l-i*skips* u l-prezz tat-*tender* jibqa' kif inhu jew l-i*skips* jibqgħu iżda l-prezz jogħla b'10%.

Il-Viċi-Sindku qal, li waqt din il-laqgħa, l-Kunsill kien ippropona li s-Sur Mifsud jingħata żieda ta' €465.87 fix-xahar sa l-aħħar tas-sena finanzjarja jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2009 u mill-1 t' April 2009 jingħata 10% żieda fuq il-prezz tat-*tender*. Huwa kompla jgħid, li minħabba l-fatt li din il-materja hi sensittiva, fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar jekk din tiġi diskussa mal-membri kollha tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku.

## 8. *Update Activities Centre* – Ħruġ ta' *Tender* tal-Lift

**8.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri ta rendikont tax-xogħlijiet li fil-maġġoranza kienu tlestew u qal, li filwaqt li l-Perit tal-Kunsill kien ħejja t-*tender* tal-*lift*, kien baqa' biss l-*air-conditioners*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, issekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jinħareġ t-*tender* tal-*lift*.

## 9. Attivitajiet ma' l-iskola Primarja Dun Anton Manche'

**9.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li t-tfal ta' l-iskola Primarja ser ikunu preżenti waqt l-għotja tal-Ktieb Teżor għat-tfal tal-kindergarden. Huwa kompla jgħid li kemm il-ġurnata kif ukoll, il-ħin ser jingħataw mis-Surmast ta' l-iskola Primarja, aktar 'l quddiem.

Il-Viċi-Sindku qal, li fit-28 t'Ottubru 2008, hu flimkien ma' l-iskola hawn fuq imsemmija kienu ser jieħdu t-tfal il-Birgu fejn fost affarijiet oħra, kienu ser iżuru Forti Sant' Anġlu. Għalhekk, kien qed jitlob lill-Kunsill is-somma ta' €116 għat-trasport.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri ma' din it-talba.

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li kienet ġiet approvata *one way system* fi Triq il-Madonna tal-Ġebla fuq *trial period* u kien qed jistenna risposta mingħand is-Surmast dwar l-entratura ta' l-iskola minn din it-triq.

**10.2.** Matul id-diskussjoni li saret dwar pubblikazzjoni li dehret fil-ġurnal it-Torċa tat-28 ta' Settembru 2008 – Il-Ġnien u l-*Yacht Marina* tal-Gżira – Mandra, fost affarijiet oħra ġie ssuġġerit li din tiġi mwieġba b'mod kostruttiv permezz ta' stqarrija għall-istampa.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li filwaqt li m'għandha tinħareġ ebda risposta, din il-parti tal-Ġnien għandha tinkines darba fil-ġimgħa, jitbajdu l-arkati u aktar 'l quddiem jiġu nstallati l-fanali.

**10.3.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-kuntrattur Emanuel Mifsud għandu jnaddaf iż-żewġ *skips* li kien hemm f'Manoel Island filwaqt li l-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-propjetarju ta' MilleMiglia li hemm fil-*Housing Estate* kien poġġa żewġ *skips* mingħajr permess.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Joe Camilleri ppropona li kemm l-i*skips* ta' Manoel Island kif ukoll, dik ta' ħdejn il-Latrina Pubblika, jitneħħew.

**10.4.** Il-Viċi-Sindku nforma li kien iltaqa' mas-Sur Victor Tedesco sabiex mill-1 ta' Diċembru 2008 sas-6 ta' Jannar 2009, tinxtgħel Pjazza Meme' Scicluna. Huwa kompla jgħid, li l-ammont kien ta' €815.28 (Lm350.00) liema ammont ma kienx jinkludi l-meter tad-dawl.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku ma' l-ammont hawn fuq imsemmi kif ukoll, għall-ispejjeż tal-meter tad-dawl.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K339/119/08**

**September 2008 KLG5/21**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 769 | Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 004386 Maint of soft areas August 2008 | 2212.93 | 5594 |
| 770 | Conmal Limited invoice No: 1291 bozoz Willie Arena/Misraħ Turu Colombo/Xatt | 98.38 | 5619 |
| 771 | Conmal Limited maint bozoz Triq Luqa Briffa | 23.76 | 5620 |
| 772 | Għaqda Mużikali Mount Carmel Stallazzjoni u konsum elettriku Jum il-Gżira | 466.00 | 5595 |
| 773 | G T Imports Ltd repair of electric drill IPSL workers | 55.00 | 5593 |
| 774 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397652 Door to Door Collection September 2008 | 5590.50 | 5614 |
| 775 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397653 Hire of Skips September 2008 | 432.87 | 5615 |
| 776 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397654 Public Convenience August 2008 | 836.06 | 5616 |
| 777 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397655 Bulky August 138 Calls | 755.41 | 5617 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 778 | Mr. Joe Borg Spejjeż papri September 2008 invoice No: 93 | 46.59 | 5613 |
| 779 | Sundry Handyman Expenses Gazebos | 37.27 | 5571 |
| 780 | Steve R. Farrugia Street Sweeping Grass Cutting, Mechanical Sweeper August 2008 invoice 45 | 4665.72 | 5628 |
| 781 | Steve R. Farrugia Street Sweeping on Sundays –August 2008 –inv34 | 378.52 | 5627 |
| 782 | Mr. S. DeLeonardo repair of Air-conditioner administrattiv office | 50.00 | 5572 |
| 783 | Flowers re birth of Exc.Sec. baby | 25.00 | 5596 |
| 784 | GO plc Bill No: 20978927 tel No: 21334254 Calls August Rent September 2008 | 53.35 | 5597 |
| 785 | GO plc Bill No: 20979780 tel No: 21322157 Calls August Rent September 2008 | 115.53 | 5598 |
| 786 | GO plc Bill No: 20978938 tel No: 21341616 | 21.32 | 5599 |
| 787 | Dr. Edward Woods Legal Advisor for the months July – August – September 2008 | 494.76 | 5600 |
| 788 | Mr. Mario Magro Conti Accountant for July – August - September | 419.29 | 5601 |
| 789 | Mr. Alfred Portelli Contract Manager for the months July-August-September | 745.42 | 5592 |
| 790 | David Grasso – Summer Music Nights 27.08.08 & 10.09.08 (03/09.08 free) | 186.34 | 5587 |
| 791 | Rendering & Sanding of Stone Walls in Housing Estate | 940.00 | 5554 |
| 792 | S. Rausi Trading invoice 21049868 - Mineral Water | 51.76 | 5577 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **793** | **Merlin Library Ltd invoice 028646<br>40 packs il-Ktieb Teżor** | **186.48** | **5602** |
| **794** | **Makaw Ironmongery – invoice 14647/15151<br>fittings for Activies Centre** | **341.68** | **5603** |
| **795** | **C.S.D. Office Trade Invoice No: 22590<br>computer stationery** | **101.23** | **5604** |
| **796** | **Melita p.l.c. invoice No: 25555176 – period<br>01.09.08 – 31.10.08** | **23.30** | **5605** |
| **797** | **J.F. Mallia Ltd – Invoice No: 1 Maint. Bozoz<br>in various streets.** | **143.50** | **5621** |
| **798** | **Longbow Limited invoice No: 68629 – 1000<br>Degradable bags** | **37.76** | **5606** |
| **799** | **Aska Trading – stationery** | **5.52** | **5607** |
| **800** | **Stardelta invoice No: 3993384/3993386<br>3993373/3993381/3993379** | **75.00** | **5608** |
| **801** | **Greenlines environmental services Ltd<br>Hiring & Cleaning of 2 mobile toilets @<br>€5 each unit daily + Vat – 31 days** | **365.80** | **5609** |
| **802** | **Greenlines environmental services Ltd<br>Hiring & Cleaning of 2 mobile toilets @<br>€5 each unit daily + Vat – 31 days** | **365.80** | **5610** |
| **803** | **Melita Cable plc – invoice No: 25608780<br>Hello Service 08/09/08 – 07/10/08** | **99.75** | **5611** |
| **804** | **The Toolbox invoice Nos: 7815-7817-7830<br>7837-7842-7844-7847-7852-7854-7858-7913<br>7917** | **159.23** | **5612** |